# It-Tieni Gwerra Dinjija fl-Isla

**Romina Powell**
B.A. (Hons.) History, PGCE, MA Hospitallier Studies



Meta wieħed jisma' l-kelma gwerra, mill-ewwel jiġuh f'moħħu ħsibijiet tad-dwejjaq u distruġġiment, bini mwaqqa', nies imutu. Iżda meta ma tkunx ġarrabt żminijiet bħal dawn, diffiċli biex vera tifhem x'tip ta' ħajja jgħixu n-nies meta jkunu milquta bi gwerra. Meta titkellem ma' xi anzjan jew anzjana li għexu f'dawn iż-żminijiet tara f'għajnejhom dieqa kbira meta jitkellmu fuq dak li kienu għaddew minnu. B'fortuna kbira Malta ftit li xejn kienet tkun imdaħħla fi gwerer b'mod dirett, iżda meta daħlet, il-konsegwenzi kienu qarsa ħafna. F'dan l-artiklu ser jiġu msemmija esperjenzi diretti ta' persuna li kien qed jgħix fi żmien tat-Tieni Gwerra Dinjija fl-Isla, l-Arċipriet ta' dak iż-żmien; il-Kanonku Emmanuel Brincat.



Il-Kan. Dun Emmanuel Brincat, l-Arċipriet tal-Isla fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija

Jibda r-rakkonti tiegħu bil-pussess tiegħu bħala Arċipriet tal-Isla f'April tal-1940 u bil-festi kbar li saru għal din l-okkażjoni. Xahrejn wara l-bidu tal-ħidma tiegħu fil-parroċċa tal-Isla, id-*Duce Benito Mussolini*, iddikjara gwerra kontra Malta għax fil-ħsibijiet tiegħu, Malta kellha tkun parti mill-Italja. Dan kien fl-10 ta' Ġunju 1940. Minħabba li Malta qatt ma kienet ġiet attakata fi gwerra, qisu ħadd ma kien jaf dan x'seta' jfisser. Kienu jafu biss li kien riesaq żmien ħażin fuq Malta. Għalhekk, l-għada li ġiet iddikjarata l-gwerra għal Malta, ħafna marru l-quddiesa tal-ewwel, qerru u tqarbnu kif ukoll għamlu ħafna ħin ta' talb għax l-unika tama li kellhom kienet li jafdaw f'Alla. Waqt li l-Kanonċi kienu qed ikantaw it-talb ta' filgħodu, instemgħet l-ewwel sirena ddoqq. Fil-knisja qam paniku sħieħ, bdew jinstemgħu l-ħsejjes tal-ajruplani għaddejjin minn fuq il-knisja, ħsejjes ta' bombi jaqgħu u ħġieġ jinkiser. Kulħadd ġera lejn il-



*Benito Mussolini*

bieb ta' barra ħalli jara li dawk li ħallew id-dar kienu għadhom sew. F'dak il-jum l-attakki tat-Taljani kienu frekwenti u dejjem immirati fuq id-Dockyard. Dawn il-bumbardamenti beżżgħu lis-Sengleani ħafna tant li mill-għada bdew jitilqu ħafna familji mill-Isla, ġarrew dak kollu li setgħu mid-djar tagħhom u marru f'postijiet oħra fejn l-attakki kienu minimi. Sa tlett ijiem wara l-bidu tal-attakki l-Isla kienet kważi vojta minn nies. Minn popolazzjoni ta' 8,000 ruħ niżlet għal 300 ruħ. L-Arċipriet Brincat beda jirrealizza li l-beżgħat tiegħu kienu qed isiru realtà għax kien ser jispiċċa waħdu jmexxi l-parroċċa, għax anki l-Kapitlu telquh waħdu. Bħala qassisin kien hemm biss Dun Anton Grech li baqa' l-Knisja ta' San Filippu, iżda dan kien anzjan u beżgħan ħafna Huwa kien iqatta' l-jiem kollha tiegħu fix-xelter tal-Ponta, iżda l-fatt li kien iqaddes quddiesa għan-nies tal-akkwati kien ikun biżżejjed bħala għajnuna. L-Arċipriet Brincat ma qatax qalbu kien jemmen bi sħiħ li Alla kien miegħu u ħalla f' idu biex imexxi kollox Hu.

L-Arċipriet Brincat jirrakkonta wkoll dwar il-qagħda finanzjarja tan-nies li kien għad fadal fl-Isla. Flus fl-idejn ma kienx hemm u kulħadd kien jiddependi fuqu għas-sostenn. Flus mill-gvern ma kinux jaslu, għalhekk l-Arċipriet kien joffri minn flusu u mill-flus li kien jiġbor għal karità wkoll. Dawn il-finanzi ma tantx servew fit-tul, iżda t-talb instema' u l-Mulej dejjem provda. Infatti kien hu li beda l-ewwel idea ta' *Victory Kitchen* fl-Isla. Kien hemm parroċċan li kellu ħanut u kien hemm ieħor li offra li jsajjar għal dawk li kien fadal fl-Isla. B'hekk kulħadd kellu platt sħun kuljum x'jiekol.

Il-Gvern Ingliż ipprovda maskli tal-gass, iżda ma tawx importanza kbira li jibdew jitħaffru xelters fil-blat, minħabba li l-bombi kienu iktar jaqgħu fil-baħar jew fil-ħamrija. In-nies ma xtaqux jgħixu ġo ħofor fil-blat qishom ġrieden, għalhekk kienu jistkennu ġol-kantini jew taħt it-taraġ. Iżda dawn il-postijiet ma kienux joffru sigurtà, għalhekk bdew jitħaffru x-xelters. Dawn kellhom ikunu imħaffra fil-blat xi 80 pied taħt l-art. Kull xelter kellu iktar minn bokka waħda minn fejn setgħu jidħlu n-nies, kemm biex jitnaqqas il-paniku meta ddoqq is-sirena li ġej


Dehra ta' kif ikun xelter taħt l-art

attakk mill-ajru, kif ukoll biex ikun hemm aktar sigurtà, speċjalment jekk tiġi bblukkata xi waħda mill-entraturi. Darba waħda saħansitra anki daħlet bomba mis-saqaf tax-xelter li kien hemm fejn id-Dockyard Terrace li qatlet 14-il ruħ. Dan l-inċident minnu nnifsu ġab paniku kbir miegħu għax kull sors ta' dawl inqata' u l-bokok l-oħra għenu biex in-nies li baqgħu ħajjin joħorġu qawwijin u sħaħ. In-nies kienu jinqassmu f'dawn ix-xelters skont il-parti tal-Isla li kienu jgħixu fiha. Xelters kien hemm wieħed il-Ponta tal-Isla, ieħor ix-Xatt u ieħor fi Triq il-Vitorja. Matul il-jiem tal-gwerra kien hemm ħafna nies li kienu jibżgħu joħorġu mix-xelters, għalhekk l-Arċipriet kien jinżel kuljum biex iqarben u jqarar, iżda l-quddies ma kienx jixtieq li ssir barra l-knisja. Dan għaliex meta prova darba jqaddes f'xelter mhux kulħadd ġab ruħu sew u l-quddies ma setgħetx issir b'mod xieraq. Għalkemm quddies ma kienx isir spiss fix-xelter, fil-post kien ikun hemm ħafna immaġni ta' qaddisin u postijiet attrazzati ta' talb. Kien hemm ukoll ħafna serq, meta jingħata l-allarm u kulħadd kien jidħol fix-xelters kont issib uħud li jidħlu fid-djar tan-nies u jisirqu dak li jsibu. Il-ġuħ kien iwasslek tagħmel kollox.

Meta n-nies li kienu telqu, raw li hemm sigurtà fl-inħawi u anki l-fatt li l-Isla kienet viċin tal-postijiet li bdew joffru ħafna impjiegi, iddeċidew li jerġgħu jiġu lura u b'hekk il-popolazzjoni reġgħet żdiedet ftit. Oħrajn irrealizzaw li ħafna mill-battalji bdew iseħħu fl-ajru għalhekk l-inħawi kienu aktar siguri u ġew lura. Maż-żieda tal-popolazzjoni l-Arċipriet iddeċieda li jitlob lill-Gvern jerġa' jiftaħ l-iskola elimentari fl-Isla, biex it-tfal jibqgħu jitgħallmu.

Il-festa waqt l-ewwel sena tal-gwerra f'Malta saret fuq ġewwa biss. Iċ-ċelebrazzjonijiet interni saru kollha bin-novena; fejn kienet issir quddiesa filgħodu bi prietka żgħira kuljum. L-istatwa ta' Marija Bambina kienet qed tinżamm f'post sigur f'parti mis-sagristija fejn kien hemm daħla fil-blat u mhux armata fil-knisja bħas-soltu.

Lejn Diċembru 1940, it-Taljani kienu qed jitilfu, kulħadd kien qed jistenna li l-Italja kienet ser iċċedi. Iżda dan ma ġarax, anzi l-ajruplani Ġermaniżi ġew stazjonati fi Sqallija. Dan kien ifisser problema kbira għal Malta, il-Maltin ma setgħu jagħmlu xejn ħlief jitolbu lil Alla jgħinhom u jistennew x'ser jiġri. L-agħar wasal meta daħlet l-*Aircraft carrier* fid-Dockyard "HMS Illustrious" kważi mgħarrqa u tpoġġiet eżatt taħt il-Knisja Parrokkjali. Fil-jum tas-16 ta' Jannar wasal l-ewwel attakk Ġermaniż.


L-attakk fuq l-HMS Illustrious nhar is-16 ta' Jannar 1941



Il-Knisja tal-Isla qabel it-Tieni Gwerra Dinjija

Il-Ġermaniżi ma kinux bħat-Taljani jolqtu l-marka tagħhom eżatt, imma kienu jitfgħu xita ta' bombi, li fejn jiġi jolqtu. Malli daqqet is-sirena dakinhar kulħadd telaq jiġri fix-xelter bħas-soltu, iżda ħadd ma basar b'liema saħħa ser ikun ħarex l-attakk. L-Arċipriet Brincat baqa' fil-Knisja jitlob, sakemm bdew neżlin il-bombi fuq il-knisja. Dak il-ħin hu, s-sagristan u xi ftit tfal li kienu qed jilagħbu barra daħlu jiġru jistkennu fid-daħla li kien hemm fil-ħajt kif tidħol is-sagristija. Wara li għadda l-*air raid* kulħadd ħareġ minn fejn kien qed jistkenn. Malli l-Arċipriet dar il-knisja irrealizza li l-Awla Kapitulari kienet ġiet imwaqqa', il-kappellun tar-Rużarju ġarrab ħsarat kbar u spiċċa bla saqaf. Minn dakinhar is-Sagrament tneħħa minn postu u beda jinżamm f'post sigur fejn kien hemm l-istatwa tal-Bambina.



Il-Bażilika ta' Marija Bambina mġarrfa matul it-Tieni Gwerra Dinjija fis-sena 1942

Attakki oħra waslu fil-ġranet ta' wara, saħansitra twaqqgħet parti mill-Mina u l-Isla spiċċat mingħajr aċċess għal barra, tant li biex jitilqu n-nies kellhom jgħaddu minn ġewwa d-Dockyard. Ħafna minn nies li kienu rritornaw lura l-Isla ftit qabel kellhom jerġgħu jitilqu, għax il-biża' kienet kbira. Kull ħaġa prezzjuża li kien hemm fil-knisja Parrokkjali tneħħiet. L-istatwa tal-Bambina ġiet meħuda f'Birkirkara u s-Sagrament ġie meħud fil-Knisja ta' San Filippu. Is-Sagristija ġiet trasformata f'kappella biex fiha kienet issir il-quddiesa peress li l-knisja kienet kważi mwaqqa'.



Dan kulma kien baqa' mill-Oratorju tal-Kurċifiss wara l-attakki tal-1942

L-attakki kienu spissi, billejl u bi nhar, f'April tal-1942 il-kampnar tal-Gandlora twaqqa', is-sagristija u l-Kappella tat-Trinità xxaqqaq is-saqaf tagħhom, il-koppla waqgħet kif ukoll il-parti ta' quddiem tal-kor. Waqa' wkoll is-saqaf u l-art tal-Oratorju tal-Kurċifiss.

Fl-Isla fl-1942 kien hawn ħafna problemi, ħafna nies ma kellhomx djar, kienu qed jgħixu fi kmamar tal-injam. Kien hemm ġuħ kbir, speċjalment meta kienet tingħalaq il-mina prinċipali tal-Isla. Din is-sitwazzjoni kienet rifless ta' dak li kien hemm f' Malta kollha iżda minħabba



Bini mġarraf fi Triq San Ġużepp l-Isla - dehra komuni madwar l-Isla kollha f'dawk is-snin ta' gwerra



*Triq il-Vitorja fl-Isla fi żmien il-gwerra*

l-qagħda tagħha viċin tat-tarzna l-problemi kienu jinħassu ħafna aktar. Sal-aħħar ta' Lulju s-sitwazzjoni kienet ħażina ħafna, monuzzjon tas-suldati kien minimu u żejt ma kienx hawn. Il-biża' li l-Ġermaniżi jinvadew Malta kienet kbira u viċina issa. L-Ingliżi kienu viċin li jċedu, infatti kienu għamlu data, it-18 t'Awwissu li fiha kienu ser iċedu. Iżda din ġiet evitata propjament mal-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija li wasal f'jum il-festa tat-tlugħ t'Ommna Marija fis-sema. Il-Madonna kienet daħlet għal Maltin darb'oħra, fl-14 t'Awwissu 1942 daħlu 3 vapuri mimlija ikel, żejt u monuzzjon, l-għada daħlu 2 oħra. B'dan il-mod Malta ma ċedietx, iżda baqgħet tissielet mal-għadu u bdiet tirbaħ diversi battalji. Minn wara Awwissu tal-1942 l-attakki bdew jikkalmaw fuq Malta, għalhekk reġgħet infetħet l-iskola elimentari ġewwa l-monasteru ta' San Filippu u b'hekk it-tama reġgħet bdiet tirrenja. F'Ġunju tal-1943 kien hawn viżta fl-Isla mir-Re George VI, li dar mat-toroq u ra d-diżastru li kienet ħalliet il-gwerra, huwa ddispjaċih ħafna għal dawn ix-xeni.



*Il-Konvoj ta' Santa Marija*



*Ir-Re Ġorġ VI, jispezzjona l-Gwardja tal-Unur fid-Dwana mal-wasla tiegħu f'Malta*



*L-Arċipriet, Il-Kan. Emmanuel Brincat, jilqa' lir-Re Ġorġ ħdejn Dockyard Terrace*




*Il-firma tar-Re Ġorġ VI fil-ktieb tal-viżitaturi tal-Parroċċa tal-Isla*



*Ir-Re Ġorġ VI miexi lura lejn Dockyard Terrace akkumpanjat mill-Arċipriet Brincat u s-Sur Vivian Dillon*

Il-festa tal-1943 kellha tkun differenti minn dik li għaddew fit-tliet snin ta' qabel. L-Arċipriet Brincat jirrakkonta kif ħa riskju u reġa' ġab l-istatwa tal-Bambina lura l-Isla u kellha ssir purċissjoni sollenni. Ir-riskju ħadu għax l-attakki kienu minimi u kien hemm għajdut li l-Italja kienet ser iċċedi. Fil-bidu, l-istatwa ġiet impoġġija fis-sagristija, sakemm ittieħdet f'San Filippu bil-purċissjoni. In-Novena kellha ssir f'San Filippu wkoll u kellu jsir talb għall-paċi. L-Arċipriet Brincat kien ċert li l-Madonna kienet ser tisma' l-karba tagħhom u taqlagħlhom din il-grazzja hekk kbira. It-toroq li minnha kellha tgħaddi l-purċissjoni ġew żbarazzati mill-ġebel imwaqqa'. Fil-jum tal-festa ħafna Sengleani reġgħu rritornaw l-Isla għal din l-okkażjoni. Meta l-purċissjoni kienet ix-Xatt, messaġġier tal-Ammiral tad-Dockyard ġie jkellem lil Arċipriet Brincat u tah karta. Fiha kien hemm miktub li kienu għadhom kemm ħadu l-aħbar li l-Italja ċediet u Malta kienet ħielsa mill-effetti tal-gwerra. L-Arċipriet ħassu kuntent ħafna, it-talb kien verament instema' il-Madonna kienet qalgħetilhom grazzja kbira ħafna. Hekk kif daħlet il-Purċissjoni fil-knisja, l-Arċipriet tela' fuq il-pulptu u qara l-messaġġ tal-Ammirall, li l-Italja ċediet bla kundizzjoni. Wara tkanta t-'*Te Deum*' bħala ringrazzjament fejn kien mument emozzjonanti ħafna għall-kongregazzjoni miġbura hemm.




***8 ta' Settembru 1943: Il-purċissjoni bl-istatwa tal-Bambina għaddejja mix-Xatt fil-ħin li fih waslet l-aħbar li l-Italja kienet ċediet***



***Il-ħerba li ħalliet il-gwerra fi Triq il-Vitorja***



***Ir-Re Ġorġ VI miexi fi Triq iż-Żewġ Mini***

Meta wieħed jaqra dwar dawn żminijiet diffiċli jkun jista' jifhem aħjar is-sitwazzjoni tal-perjodu u jempatizza man-nies li kienu jgħixu fih. Waħda mill-iktar affarijiet li semmiet diversi drabi f'dawn ir-rakkonti kienet it-tama f'Alla u d-devozzjoni kbira lejn il-Madonna. Hija fatt li meta l-bniedem jiġi dahru mal-ħajt u ma jkollux lejn xiex idur, il-fidi tikber iktar. Illum nisimgħu ħafna bi gwerer, għlied u anki diżastri, faċli ngħidu imsieken u jaħasra, forsi noħorġu xi ħaġa mill-but biex inserrħu l-kuxjenza. Kemm għandna bżonn aħna wkoll naħsbu bħal missirijietna u nitolbu bla nifs sabiex il-paċi fid-dinja tirrenja. Ejjew ma nistennewx li xi ħaddieħor jibda, imma nemmnu li aħna wkoll mill-ftit tagħna nistgħu nagħmlu differenza, kif kien għamel l-Arċipriet Brincat fis-snin iebsa tal-gwerra, fejn għalkemm kien persuna waħda kien preżenti sabiex ikun bastun għall-oħrajn. Minn qalbi nawgura lis-Sengleani kollha l-Festa t-Tajba.

**Referenzi:**


Mons. E. Brincat; *Senglea during the Second World War 1940-1944*, Progress Press Co. Ltd, Malta.

http://www.islalocalcouncil.com/historicalinfo.htm

http://www.malta-canada.com/churches-chapels/Senglea.htm

http://www.tripadvisor.com

http://www.timesofmalta.com

Ms. Romina Powell B.A (Hons.), PGCE, MA (Hospitallier Studies).